MT

MT

MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 17.3.2011
KUMM(2011) 135 finali

2006/0084 (COD)

Proposta Emendata għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (EURATOM) Nru 1074/1999

SEG(2011) 343 finali

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("l-Uffiċċju") kien stabbilit fl-1999. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999[1] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999[2], li jistabbilixxu l-modalitajiet tal-investigazzjonijiet kemm interni kif ukoll esterni mmexxija mill-Uffiċċju, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-Uffiċċju[3] huma l-istrumenti ewlenin fil-qafas legali li fih jopera.

Fl-2006, il-Kummissjoni ressqet proposta biex ikun emendat ir-Regolament 1073/1999[4]. Il-proposta leġiżlattiva ffokat fuq il-kisba ta' ***effiċjenza operattiva aħjar u governanza mtejba għall-Uffiċċju*** billi:

- ittejjeb il-fluss tal-informazzjoni bejn l-Uffiċċju, l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, l-Istati Membri u informaturi.
- tikkjarifika r-relazzjonijiet bejn il-Kumitat ta' Sorveljanza, l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet u korpi, uffiċċji u aġenziji oħra, u tintroduċi "djalogu strutturat" li jinvolvi lill-Kumitat ta' Sorveljanza, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ewlenin ta' governanza;
- issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni li jkunu s-soġġett ta' investigazzjonijiet (tistabbilixxi garanziji proċedurali li għandhom ikunu rrispettati waqt investigazzjonijiet kemm interni kif ukoll esterni u tintroduċi Konsulent ta' Reviżjoni).

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet diskussa kemm fil-Kunsill kif ukoll fil-**Parlament Ewropew**. Dan tal-aħħar adotta **riżoluzzjoni fl-20 ta' Novembru 2008**[5] fl-ewwel qari skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni. Ressaq madwar mitt emenda għall-proposta tal-Kummissjoni. Ħafna emendi ntlaqgħu tajjeb mill-Kummissjoni. Fuq talba tal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill (Jannar-Ġunju 2009) il-**Kummissjoni** ppreżentat f'Lulju 2010 Dokument ta' **Riflessjoni dwar ir-riforma tal-Uffiċċju**[6] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan id-dokument jiddeskrivi soluzzjonijiet li jista' jkun hemm biex jinġieb 'il quddiem il-proċess leġiżlattiv attwali. Il-Parlament Ewropew laqa' f'Ottubru 2010 id-Dokument ta' Riflessjoni u talab lill-Kummissjoni li terġa' tqis il-proċedura leġiżlattiva. Fis-6 ta' Diċembru 2010, il-**Kunsill** adotta **konklużjonijiet** dwar id-Dokument ta' Riflessjoni mressaq mill-Kummissjoni. Il-**Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF** ikkontribwixxa għad-diskussjoni bl-opinjonijiet tiegħu

---

1. ĠU L 136, 31.5.1999, p.1.
2. ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8.
3. ĠU L 136, 31.05.1999, p. 20.
4. COM (2006)244
5. Ir-reżoluzzjoni leġiżlattiva tal-parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda ir-Regolament Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), P6_TA-PROV(2008) 553. Għar-rapport ta' preparazzjoni ara A6-0394/2008.
6. SEC (2010)859

fuq id-dokument ta' riflessjoni u dwar ir-rispett tad-drittiejiet fundamentali u l-garanziji proċedurali fl-investigazzjonijiet mill-OLAF.[7]

Il-Kummissjoni issa ħejjiet proposta emendata li tqis il-pożizzjonijiet espressi s'issa u tistenna bil-ħerqa li tikseb ir-riforma leġiżlattiva attwali malajr kemm jista' jkun.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

N/A

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Tisħiħ tal-effiċjenza tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju

Il-proposta emendata tinkludi dispożizzjonijiet ulterjuri dwar aktar effiċjenza tal-investigazzjonijiet u koperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri biex il-proċeduri ta' investigazzjonijiet jitħaffu b'mod effikaċi.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jeżamina **t-tul tal-investigazzjonijiet** ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Uffiċċju. F'każijiet fejn l-investigazzjonijiet ma jkunux jistgħu jingħalqu wara 12-il xahar, l-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar ir-raġunijiet li qed ifixxklu l-finalizzazzjoni tal-investigazzjoni fuq perjodi ta' 6 xhur. B'dan il-mod, ikun żgurat monitoraġġ kontiwu tad-durata tal-investigazzjonijiet sakemm jingħalqu.

Il-proposta emendata tikkontribwixxi ulterjorment biex ix-xogħol tal-Uffiċċju jkun aktar effikaċi billi ttejjeb l-iskambju ta' **koperazzjoni u informazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji l-oħra tal-UE**, kif ukoll mal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċess investigattiv.

L-**istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji** li membru/membru tal-persunal jew baġit tagħhom ikun soġġett ta' investigazzjoni għandhom ikunu **infurmati mill-Uffiċċju** mingħajr dewmien. B'dan il-mod, l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji jkunu jistgħu jieħdu miżuri amministrattivi ta' prekawzjoni. Hija fir-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw l-aħjar protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u biex jevitaw kwalunkwe kontinwità ta' irregolarità jew iż-żieda potenzjali ta' telf finanzjarju. Ikun għalhekk assolutament meħtieġ li huma jkunu informati. F'każijiet eċċezzjonali fejn il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni ma tistax tkun żgurata (pereżempju jekk l-ogħla maniġment jew livell politiku ta' istituzzjoni, uffiċċju, korp jew aġenzija jkunu kkonċernati), l-Uffiċċju għandu juża mezzi alternattivi adatti ta' informazzjoni.

---

[7] L-Opinjoni Nru 2/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 u l-Opinjoni Nru 5/2010 tad-29 ta' Novembru 2010, ppubblikati fir-Rapport Annwali tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF (Ġunju 2009 - Diċembru 2010) http://ec.europa.eu/anti_fraud/reports/sup_comm/2009-2010/Activity-report-2009-2010_en.pdf

Dwar l-aċċess **tal-Uffiċċju għal informazzjoni miżmuma mill-istituzzjonijiet**, korpi, uffiċċji u aġenziji, skont l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1073/1999, l-Uffiċċju jkompli jkollu aċċess immedjat u mingħajr avviż minn qabel għal kull informazzjoni rilevanti marbuta mal-kwistjoni taħt investigazzjoni, miżmuma mill-istituzzjonijiet, uffiċċji, korpi u aġenziji tal-UE, mingħajr ħsara għall-esklużjonijiet skont il-bażi legali li tistabbilixxi l-Europol[8].

Din il-proposta amendata tikkonferma u tiżviluppa ulterjorment l-**approċċ *de minimis*** tal-proposta tal-2006, kif ukoll il-politika ta' tolleranza żero għall-frodi: Fir-rigward tal-ftuħ ta' investigazzjonijiet, l-Uffiċċju għandu jqis il-prijoritajiet tal-politika ta' investigazzjoni u l-ħtieġa tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-Uffiċċju. B'referenza speċifika għal investigazzjonijiet interni, l-Uffiċċju għandu jqis jekk investigazzjonijiet bħal dawn isirux l-aħjar mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati, jew mill-Uffiċċju nnifsu. Barra minn dan, f'każijiet fejn l-Uffiċċju, wara li jkun għamel investigazzjoni interna, iqis li, fid-dawl tan-natura tal-fatti u l-iskala tal-ħsara finanzjarja, miżuri interni jippermettu segwitu iktar adtattat, huwa għandu jgħaddi l-każ lill-Uffiċċju tal-Investigazzjonijiet u d-Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) jew lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċju jew aġenzija kkonċernati, minflok ma jibagħtu lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti. Għalhekk il-politika *de minimis* (każijiet fejn l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jiftaħx investigazzjoni jew li ma jgħaddix dak li jkun sab lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti) kienet iċċarata fil-proposta amendata. Waqt l-implimentazzjoni tal-politika *de minimis*, l-uffiċċju għandu japplika linjigwida preċiżi, kif propost mill-Kunsill fil-Konklużjoni tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2010.

Biex tissaħaħ il-**koperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri**, għandha tinħatar awtorità (servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi) minn kull Stat Membru biex tassisti lill-Uffiċċju fil-kollaborazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Dan ma jfissirx li tkun ser tkun stabbilita awtorità ġdida. L-esperjenza turi li minħabba l-istrutturi differenti f'kull Stat Membru, sikwit ikun diffiċli ħafna għall-Uffiċċju li jindirizza lill-awtorità kompetenti fi Stat Membru partikolari.

Monitoraġġ regolari huwa partikolarment importanti għal investigazzjonijiet interni, biex ikun żgurat li azzjoni dixxiplinarja jew miżuri oħra jkunu jistgħu jittieħdu mill-IDOC jew minn entitajiet ekwivalenti f'istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra. Huwa għalhekk propost li l-Istati Membri jirrapportaw dwar it-talba tal-uffiċċju dwar **is-segwitu mogħti lill-informazzjoni** mibgħuta lilhom mill-Uffiċċju. Biex ikun evitat piż amministrattiv mhux neċessarju għall-Istati Membri, il-proposta emendata tipprovdi li huma jirrapurtaw lill-Uffiċċju fuq talba tiegħu dwar azzjonijiet meħuda u progress li jkun sar wara t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Uffiċċju.

Biex tkun inkoraġġita aktar il-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-**Europol u l-Eurojust**, inkluż fil-perspettiva ta' żviluppi ulterjuri possibbli tar-responsabiltajiet tagħhom, kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti ta' **pajjiżi terzi** u ma' **organizzazzjonijet internazzjonali**, huwa propost li tiddaħħal dispożizzjoni fir-Regolament, li tagħti lill-Uffiċċju l-possibbiltà li jikkonkludi arranġamenti amministrattivi ma' dawn l-entitajiet biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni. L-Uffiċċju diġà għandu arranġament ta' koperazzjoni bħal dan mal-Eurojust. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li twaqqaf il-Eurojust, il-Eurojust jista' jiftiehem dwar

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009, ĠU L 121, p37.

arranġamenti prattiċi meħtieġa mal-Kummissjoni[9]. L-Uffiċċju għandu wkoll arranġamenti bħal dawn ma' xi pajjiżi terzi. Fir-rigward tal-Europol, tapplika Deċiżjoni Qafas ġdida mill-2010 li tistipula li l-Europol għandu jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-Uffiċċju. Għalhekk, għandha tkun stabbilita regola korrispondenti għall-Uffiċċju. F'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixii l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (2010/427/UE) li tipprevedi fl-Artikolu 3(4) il-koperazzjoni bejn l-SEAE u l-OLAF, hemm l-obbligu għall-istituzzjonijiet kollha li jagħtu l-appoġġ neċessarju biex jippermettu lill-aġenti tal-OLAF iwettqu l-kompiti tagħhom. Il-modalitajiet ta' koperazzjoni tal-OLAF mal-pajjiżi terzi għandhom jkunu deskritti fil-memoranda ta' fehim mas-SEAE u mas-servizzi relevanti tal-Kummissjoni.

Waqt li d-**Direttur Ġenerali** tal-Uffiċċju jibqa' responsabbli għall-ftuħ u t-tmexxxija ta' investigazzjonijiet, huwa għandu jkun assistit minn korp intern li huwa jikkonsulta meta jiftaħ investigazzjoni, qabel jagħlaq investigazzjoni u kull meta jikkunsidra neċessarju jagħmel dan. Biex ikunu ċċarati l-proċeduri interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-rwol tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jiddelega bil-miktub l-eżekuzzjoni diretta ta' investigazzjonijiet lill-membri individwali tal-persunal tal-Uffiċċju. Il-mandat tad-Direttur Ġenerali ma għandux jiġġedded u dan biex tissaħħaħ l-indipendenza tiegħu. It-titolu ta' "Direttur Ġenerali" li kien introdott mill-proposta tal-2006 jinżamm. Dan hu neċessarju biex jirrifletti l-istatus tal-OLAF bħala Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni u biex jiddistingwi lid-Direttur Ġenerali mill-membri tat-tim ta' maniġment għoli li huma fil-grad ta' Direttur. Biex tkun żgurata l-kontinwità, u fid-dawl ta' esperjenza riċenti, regoli għall-kariga ta' aġent jinsabu pprovduti fil-proposta emendata.

Id-**distinzjoni bejn investigazzjonijiet interni u esterni** għandha tkun limitata sa kemm ikun strettament neċessarju. Dan għandu jiffaċilita t-tmexxija ta' investigazzjonijiet. Kif uriet l-esperjenza, investigazzjonijiet jistgħu jibdew bħala esterni u wara jwasslu għal investigazzjonijiet interni jew viċi versa. Skont il-qafas legali attwali, persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' investigazzjonijiet interni għandhom l-obbligu li jikkooperaw mal-Uffiċċju skont ir-Regolamenti tal-Persunal jew skont il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea. Il-poteri investigattivi tal-Uffiċċju huma wkoll aktar dettaljati f'investigazzjonijiet interni. Id-drittijiet proċedurali u fundamentali tal-persuni konċernati għandhom ikunu rrispettati kompletament, kemm jekk investigazzjoni tkun interna kif ukoll jekk tkun esterna.

### 3.2. Il-governanza tal-Uffiċċju: bilanċ bejn indipendenza u responsabilità tal-Uffiċċju

Governanza msaħħa, flimkien mal-istabbiliment ta' proċedura ta' eżami u d-dispożizzjonijiet dwar il-fluss ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji konċernati għandhom jgħinu biex jinħoloq bilanċ bejn l-indipendenza u r-responsabilità tal-Uffiċċju.

Il-**Kumitat ta' Sorveljanza** tal-Uffiċċju ser ikompli jiżgura li l-Uffiċċju jeżerċita l-missjoni tiegħu b'indipendenza sħiħa. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza huwa

9 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002, ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1 (Art. 11(3))

ulterjorment iċċarat. Huwa għandu jinagħta espressament il-mandat biex jimmonitorja l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji u l-iżviluppi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali. Huwa għandu jimmonitorja wkoll b'mod ġenerali u sistemiku l-iżviluppi fir-rigward tad-durata tal-investigazzjonijiet mingħajr ma jindaħal fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet. Fir-rigward tal-ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza, huwa previst li jkun hemm tiġdid mifrux biex il-kompetenzi tiegħu jkunu ppreservati. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun ikkonsultat għall-ħatra ta' Direttur Ġenerali u l-għażla tal-aġent Direttur(i) u għandu jkun infurmat dwar dak li jintbagħat lil awtoritajiet ġudizzjarji.

Minflok djalogu formali strutturat bejn il-Kumitat ta' Sorveljanza u l-istituzzjonijiet dwar il-funzjoni investigattiva tal-Uffiċċju, issa qed ikun propost **skambju perjodiku ta' fehmiet** biex tikber il-governanza tal-Uffiċċju waqt li tkun irrispettata l-indipendenza operazzjonali tiegħu. Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2010, jenfasizza wkoll li djalogu formali strutturat jista' jdagħjjef l-indipendenza tal-Uffiċċju. Fis-sustanza l-approċċ anqas formali jaqbel mal-intenzjoni oriġinali tal-Kummissjoni għal governanza akbar waqt li jiggarantixxi l-indipendenza tal-Uffiċċju għall-investigazzjonijiet tiegħu. L-iskambju ta' fehmiet għandu jibda jsir bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju u tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Dan l-iskambju ta' fehmiet għandu jikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni u opinjonijiet bejn il-partijiet interessati għal effiċjenza mtejba tal-attività tal-Uffiċċju. L-iskambju ta' fehmiet ma għandux ikun ta' ndħil fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet u għandu jirrelata mal-prijoritajiet strateġiċi għall-politiki investigattivi tal-Uffiċċju, mar-rapporti dwar l-attivitajiet tal-Kumitat ta' Sorveljanza u dak tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju, ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE; ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-effikaċja tax-xogħol tal-Uffiċċju fir-rigward ta' investigazzjonijiet u dik tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Bi qbil mal-opinjonijiet espressi mill-istituzzjonijiet, l-iskambju ta' fehmiet għandu jkun flessibbli: isir perjodikament jew meta jintalab minn waħda mill-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq, mill-Uffiċċju jew mill-Kumitat ta' Sorveljanza.

Wieħed mill-objettivi prinċipali tal-proposta emendata hu li ssaħħaħ aktar id-**drittijiet proċedurali ta' persuni li jkunu s-soġġett ta' investigazzjonijiet mill-Uffiċċju** (Artikolu 7a). Ikun xieraq li l-garanziji proċedurali jsiru wkoll aktar ċari u trasparenti u li jkunu japplikaw għall-investigazzjonijiet kollha mmexxija mill-Uffiċċju, kemm interni kif ukoll bħal dawk esterni. Dawn il-garanziji jirrispettaw id-drittijiet fundamentali rikonoxxuti partikolarment fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. B'din il-proposta huma pprovduti drittijiet proċedurali komuni kemm għal investigazzjonijiet interni kif ukoll esterni (id-dritt tal-persuna soġġett ta' investigazzjoni li tagħmel il-fehmiet tagħha magħrufin qabel ma jsiru l-konklużjonijiet b'referenza għalih/għaliha b'ismu/isimha, id-dritt li tingħata sommarju tal-kwistjonijiet investigati u li tkun mistiedna tikkummenta dwar dawn il-kwistjonijiet; id-dritt li tkun assistita minn persuna li j/tagħżel huwa/hija matul intervista, id-dritt li j/tuża l-lingwa tal-UE tal-għażla tiegħu/tagħha; il-prinċipju li kull persuna soġġett ta' investigazzjoni għandha tkun intitolata li tevita li tinkrimina lilha nfisha). L-applikazzjoni prattika ta' dawn id-drittijiet għandha tkun riflessa fil-manwal tal-proċeduri tal-Uffiċċju għal investigazzjonijiet (Manwal tal-OLAF) kif adottat mid-Direttur Ġenerali.

Fil-proposta tal-2006, il-Kummissjoni proponiet konsulent ta' Reviżjoni li lilu jistgħu jkunu referuti l-każijiet għall-opinjoni indipendenti tiegħu jew tagħha rigward il-garanziji proċedurali. Sabiex ikun evitat sovrapożizzjonar mal-kompiti tal-Kumitat ta' Sorveljanza u biex ikunu evitati strutturi formali addizzjonali waqt li jkun garantit maniġġar effettiv, effiċjenti u indipendenti tal-ilmenti individwali, il-Kummissjoni issa tipproponi li titwaqqaf **proċedura ta' reviżjoni**, mid-Direttur Ġenerali fi ħdan l-Ufffiċċju. Il-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni għandhom jaġixxu b'indipendenza sħiħa. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jirrapporta lill-istituzzjonijiet dwar il-miżuri meħudin biex tkun imwaqqfa l-proċedura ta' reviżjoni.

Rigward id-dritt fundamentali għall-**protezzjoni tad-dejta personali**, kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u l-Artikolu 16 tat-TFUE, il-proposta emendata tipprovdi għall-kjarifika u dispożizzjonijiet iktar dettaljati għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tar-Regolament (KE) Nru 45/2001[10], b'mod partikolari ir-rekwiżit li l-OLAF taħtar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta.

Il-**komunikazzjoni tal-Uffiċċju lill-pubbliku** jenħtieġ li tippreserva l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet u l-preżunzjoni tal-innoċenza u għandha dejjem tkun kawta u imparzjali. L-Artikolu 8 tar-Regolament attwali jipprevedi obbligi li jikkonċernaw il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta.

Id-Direttur Ġenerali għandu jadotta, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Sorveljanza, mal-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni, u mal-Uffiċjal għal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Uffiċċju, il-**manwal ta' proċeduri** tal-OLAf imsemmi hawn fuq. Dan il-manwal għandu jipprovdi linji gwida dwar l-applikazzjoni prattika tal-investigazzjonijiet amministrattivi mill-Uffiċċju.

Billi l-kompetenzi tal-EURATOM huma koperti bl-Artikolu 325 tat-TFUE bħala l-bażi legali l-ġdida għar-Regolament 1073/1999, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ir-**Regolament (Euratom) 1074/1999** għandu, għalhekk, jitħassar.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża mal-proposta tindika li mhux ser ikun hemm impatt fuq il-Baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

N/A

---

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali dejta, ĠU L 8, 12.1.2001, p.1-22

2006/0084 (COD)

Proposta Emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li tħassar ir-Regolament (EURATOM) Nru 1074/1999**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 325 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika , u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[11],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta[12],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-importanza tal-miżuri ta' prevenzjoni biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u bħala komponenti fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, hemm bżonn li jkun kjarifikat ir-rwol tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("l-Uffiċċju") meta jsiru investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999[13]. Waqt li joqgħod fuq l-esperjenza operazzjonali tiegħu, l-Uffiċċju għandu wkoll jikkontribwixxi għat-tfassil u l-żvilupp ta' metodi ta' prevenzjoni u ġlied kontra l-frodi fuq livell tal-Unjoni u għandu jappoġġa azzjonijiet konġunti kontra l-frodi li jittieħdu mill-Istati Membri fuq bażi volontarja.

(2) Biex l-attività investigattiva tal-Uffiċċju ssir aktar effikaċi u fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tal-attivitajiet tiegħu magħmulin mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, partikolarment ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2003 u r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2005[14] dwar il-ġestjoni tal-Uffiċċju, ċerti aspetti tat-tmexxija tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju u ċerti miżuri li jista' jieħu waqt l-

[11] ĠU C […], […], p. […].
[12] ĠU C […], […], p. […].
[13] ĠU L 136, 31.5. 1999, p.1
[14] Rapport Speċjali Nru 1/2005 (ĠU C 202, 18.8.2005, p.1) approvat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill datati t-8 ta' Novembru 2005.

investigazzjonijiet tiegħu jenħtieġilhom li jkunu ċċarati u mtejba. L-Uffiċċju kien ingħata s-setgħa li jmexxi l-ispezzjonijiet u l-kontrolli pprovduti mir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996[15] dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra b'rabta ma' investigazzjonijiet interni u f'każijiet ta' frodi marbutin ma' kuntratti li jikkonċernaw il-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk l-Uffiċċju għandu jkollu aċċess għal informazzjoni miżmuma mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni b'rabta ma' investigazzjonijiet esterni.

(3) L-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju f'investigazzjonijiet esterni għandhom ikunu ċċarati fejn inċertezzi legali nstabu fis-sistema eżistenti u għandhom ikunu msaħħa fejn azzjoni aktar effikaċi biss mill-Uffiċċju tista' tiżgura li jitwettqu investigazzjonijiet esterni affidabbli.

(4) Il-kompiti investigattivi tal-Uffiċċju għandhom ikunu eżerċitati mingħajr ħsara għall-funzjonijiet ta' kontroll u awditu tas-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni, notevolment l-uffiċjali awtorizzanti b'delega, deskritti fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur.

(5) L-Uffiċċju għandu jitqiegħed taħt obbligi preċiżi biex jinforma f'waqtu lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fejn membru jew membru tal-persunal ikun is-soġġett tal-kwistjoni taħt investigazzjoni jew fejn jistgħu jkunu meħtieġa miżuri amministrattivi ta' prekawzjoni jew ta' liġi kriminali biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(6) Fid-dawl tal-benefiċċji kbar tat-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Uffiċċju, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Eurojust, l-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa jikkonkludi arranġamenti amministrattivi ma' dawk iż-żewġ aġenziji. Biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn il-Eurojust, l-Uffiċċju u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' atti li jistgħu jwasslu għal investigazzjoni kriminali, l-Uffiċċju għandu jintalab jinforma lill-Eurojust b'mod partikolari b'każijiet ta' attività illegali suspettata li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li tinvolvi forom serji ta' kriminalità.

(7) L-effiċjenza operazzjonali tal-Uffiċċju tiddependi ħafna mill-koperazzjoni mal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jistgħu jipprovdu lill-Uffiċċju l-għajnuna neċessarja fl-eżerċizzju ta' dmirijietu. F'każijiet fejn Stat Membru ma jkunx waqqaf dipartiment speċjalizzat f'livell nazzjonali bl-inkarigu li jikkoordina l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, għandha tinħatar awtorità (servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi) biex tiżgura koperazzjoni effettiva u skambju tal-informazzjoni mal-Uffiċċju.

(8) Għandhom ikunu stabbiliti regoli ċari li, waqt li jikkonfermaw il-prijorità li jgawdi l-Uffiċċju biex imexxi investigazzjonijiet interni fuq kwistjonijiet li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bihom l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jkunu jistgħu jmexxu tali investigazzjonijiet f'każijiet li fihom l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jintervjenix.

15 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

(9) Biex itejjeb l-effiċjenza tiegħu, l-Uffiċċju għandu jkun jaf kif ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tiegħu kienu segwiti. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni għandu jkun jenħtiġilhom jirrapportaw lill-Uffiċċju, fuq talba tiegħu dwar l-azzjoni meħuda u l-progress li jkun sar b'reazzjoni għall-informazzjoni mibgħuta mill-Uffiċċju.

(10) Jenħtieġ, fl-interess taċ-ċertezza legali, li jkunu ċċarati l-garanziji proċedurali applikabbli għal investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju. Il-kjarifika tal-garanziji proċedurali għandha tqis in-natura amministrattiva tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju.

(11) Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet individwali ta' persuni li jkunu qegħdin jiġu investigati, ma għandhom jitfasslu konklużjonijiet li jirreferu għall-persuna b'isimha, fl-istadju finali ta' investigazzjoni, mingħajr ma dik il-persuna tingħata l-opportunità tikkummenta dwar fatti li jikkonċernawha. Fejn membru, membru tal-persunal jew persuna fiżika tikkunsidra li l -garanziji proċedurali ma kinux segwiti, hija tkun intitolata tressaq talba għal opinjoni tal-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni kif stabbilta minn dan ir-Regolament.

(12) Fejn jinstab li fatti li ħarġu fir-rapport finali dwar investigazzjoni interna jistgħu jwasslu għal proċedimenti kriminali, din l-informazjjoni għandha tintbagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm mhumiex disponibbli miżuri interni li jippermettu segwitu iktar adattat, fid-dawl tan-natura tal-fatti u l-iskala tal-impatt finanzjarju.

(13) Id-drittijiet fundamentali tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom ikunu rrispettati f'kull waqt, l-aktar meta tingħata informazzjoni dwar investigazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin. Informazzjoni dwar investigazzjonijiet tal-Uffiċċju mogħtija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, kemm jekk b'mod bilaterali kif ukoll bħala parti mill-iskambju ta' fehmiet, għandha tingħata waqt li jkunu rrispettati l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, id-drittijiet leġittimi tal-persuni konċernati u, fejn japplika, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti ġudizzjarji. Informazzjoni mibgħuta jew miksuba matul investigazzjonijiet għandha tkun ittrattata skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun irregolat mill-prinċipji tal-proporzjonalità u l-ħtieġa għat-tagħrif.

(14) Id-Direttur Ġenerali għandhu jiżgura li kwalunkwe informazzjoni mogħtija lill-pubbliku tkun konformi mad-drittijiet leġittimi tal-persuni konċernati.

(15) Meta wieħed jikkunsidra l-iskala tal-fondi tal-Unjoni allokati għas-settur tal-għajnuna esterna, l-għadd ta' investigazzjonijiet magħmulin mill-Uffiċċju f'dak is-settur u l-eżistenza ta' koperazzjoni internazzjonali għal għanijiet ta' investigazzjoni, l-Uffiċċju għandu jkun jista' jitlob għajnuna prattika mill-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijet internazzjonali fil-qadi tal-kompiti tiegħu permezz ta' arranġamenti amministrattivi.

(16) Huwa xieraq li l-kriterji u l-proċedura għall-ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza jkunu rriveduti u li jkunu speċifikati ulterjorment il-kompiti tal-Kumitat ta' Sorveljana li joħroġu mill-mandat tiegħu..

(17) Sabiex ikun żgurat li l-Kumitat ta' Sorveljanza jista' jwettaq il-missjoni tiegħu b'mod effiċjenti, il-funzjonament indipendenti tas-Segretarjat tiegħu għandu jkun iggarantit mill-Uffiċċju.

(18) Skambju ta' fehmiet għandu jseħħ perjodikament bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dan l-iskambju ta' fehmiet għandu jkopri l-prijoritajiet strateġiċi għal politiki investigattivi u għall-effikaċja tax-xogħol tal-Uffiċċju mingħajr ma jindaħal bl-ebda mod fl-indipendenza tal-Uffiċċju fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tiegħu.

(19) Biex tissaħħaħ l-indipendenza sħiħa fit-tmexxija tal-Uffiċċju, id-Direttur Ġenerali għandu jinħatar għal perjodu ta' seba' snin li ma jiġġeddidx.

(20) Esperjenza msejsa fuq prattika operazzjonali wriet li jkun utli li d-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jitħalla jiddelega l-eżerċizzju ta' xi wħud mill-funzjonijiet tiegħu lil membru wieħed jew aktar tal-persunal tal-Uffiċċju. Biex tkun żgurata l-kontinwità regoli espliċiti għall-kariga ta' aġent għandhom ukoll ikunu provduti.

(21) Id-Direttur Ġenerali għandu jkunu assistit minn korp intern biex ikun ikkonsultat minnu.

(22) Id-Direttur Ġenerali għandu jkun jista; jadotta manwal ta' proċeduri li jipprovdi linjigwida dwar l-applikazzjoni prattika tal-investigazzjonijiet amministrattivi mill-Uffiċċju.

(23) Id-dispożizzjoni eżistenti dwar ir-reviżjoni ġudizzjarja għandha titħassar minħabba li l-kontenut tagħha kien inkluż fl-Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/99 għandu għalhekk ikun emendat bl-istess mod.

(25) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li jestendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 325 tat-TFUE għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (EURATOM), ir-regoli li jirregolaw l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju fir-rigward tal-Unjoni għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-EURATOM. Ir-Regolament (EURATOM) Nru 1074/99 dwar investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[16] għandu għalhekk jitħassar.

(26) Dan ir-Regolament jirrispetta għal kollox il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit mill-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn l-objettivi.

(27) Dan ir-Regolament jirrispetta drittijiet fundamentali u huwa konformi mal-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 41, 47 u 48 tagħha,

---

16 ĠU L 136, 31.5.1999, p.8.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KE) 1073/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 1*

**Għanijiet u inkarigi**

1. Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea tal-Komunita Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem "l-Unjoni" skont il-kuntest), l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") għandu jeżerċita l-poteri ta' investigazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni:

(a) mir-regoli u r-Regolamenti tal-Unjoni fis-seħħ f'dawk l-oqsma u

(b) mill-ftehimiet ta' koperazzjoni u għajnuna reċiproka milħuqin mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali f'dawk l-oqsma.

2. L-Uffiċċju għandu jassisti lill-Istati Membri biex jorganizzaw koperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-frodi. L-Uffiċċju għandu jikkontribwixxi għat-tfassil u l-żvilupp ta' metodi ta' prevenzjoni u ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju għandu jippromwovi u jikkoordina, ma' u fost l-Istati Membri, il-kondiviżjoni ta' esperjenza operazzjonali u l-aħjar prattiki proċedurali fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll jagħti fuq bażi volontarja l-appoġġ tiegħu għal azzjonijiet konġunti kontra l-frodi minn Stati Membri.

3. Fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji stabbiliti permezz, jew fuq il-bażi tat-Trattati (minn issa 'l quddiem "l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji"), l-uffiċċju għandu jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi bil-għan li jiġġieled il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak l-iskop l-Uffiċċju għandu jinvestiga kwistjonijiet serji li għandhom x'jaqsmu mal-qadi ta' dmirijiet professjonali tali li jkunu jikkostitwixxu nuqqas ta' ħarsien ta' obbligi ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni li jistgħu jwasslu għal proċedimenti dixxiplinarji jew, skont il-każ, kriminali, jew nuqqas ekwivalenti ta' qadi ta' obbligi minn membri ta' istituzzjonijiet u korpi, kapi ta' uffiċċji u aġenziji jew membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji li ma jkunux soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u għall-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea ("il-membri jew il-membri tal-persunal").

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Fi ħdan it-tifsira ta' dan ir-Regolament:

– "investigazzjonijiet amministrattivi" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "investigazzjonijiet") għandha tfisser l-ispezzjonijiet, il-kontrolli u l-miżuri l-oħra kollha meħudin mill-Uffiċċju, skont l-Artikoli 3 u 4, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 u li tiġi stabbilita, fejn ikun meħtieġ, in-natura irregolari tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin jiġu investigati. Dawn l-investigazzjonijiet ma għandhomx jaffettwaw il-poteri tal-Istati Membri li jieħdu proċeduri kriminali.

– "persuna kkonċernata" għandha tfisser persuna suspettata li wettqet irregolarità jew frodi u li għalhekk hija soġġetta għal investigazzjoni mill-Uffiċċju.

– "ir-Regolament tal-Persunal" għandu jfisser Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u għall-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea[17]."

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 3*

**Investigazzjonijiet esterni**

1. L-Uffiċċju għandu jeżerċita l-poter mogħti lill-Kummissjoni mir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 biex iwettaq spezzjonijiet u kontrolli fuq il-post fl-Istati Membri u, skont il-ftehimiet ta' koperazzjoni fis-seħħ, f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijet internazzjonali.

Bħala parti mill-funzjoni investigattiva tiegħu, l-Uffiċċju għandu jagħmel l-ispezzjonijiet u l-kontrolli kif stabbilit fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95[18] u fir-regoli settorjali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament fl-Istati Membri u, skont il-ftehimiet ta' koperazzjoni fis-seħħ, f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijet internazzjonali.

2. Bil-għan li jkun stabbilit li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra msemmija fl-Artikolu 1 b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni jew kuntratt li jikkonċernaw finanzjament mill-Unjoni, l-Uffiċċju jista', skont il-proċeduri stabbiliti bir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, imexxi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament b'tali finanzjament.

---

17 ĠU L56, 4.3.1968.

18 ĠU L 312, 23.12.1995, p.1-4.

3. Waqt spezzjonijiet fuq qil-post u investigazzjonijiet, il-persunal tal-Uffiċċju għandu jaġixxi f'konformità mar-regoli u l-prattiċi li jirregolaw l-investigazzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri kkonċernati, u l-garanziji proċedurali pprovduti f'dan ir-Regolament.

Meta l-Uffiċċju jitlobha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat għandha tagħti lill-persunal tal-Uffiċċju l-għajnuna li jkollu bżonn biex jaqdi l-inkarigu tiegħu, kif speċifikat fl-awtorizzazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 6(2).

L-Istat Membru konċernat għandu jiżgura li l-persunal tal-Uffiċċju jitħalla jkollu aċċess, bl-istess termini u kondizzjonijiet bħal tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu u b'konformità mad-dritt nazzjonali, għall-informazzjoni u għad-dokumenti kollha relatati mal-kwistjoni taħt investigazzjoni li jirriżultaw bħala neċessarji biex il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jitmexxew b'mod effikaċi u effiċjenti.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu servizz biex jiffaċilita koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet kompetenti kollha f'livell nazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'is-servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi'). Dak is-servizz għandu jiżgura koperazzjoni effikaċi u skambju ta' informazzjoni mal-Uffiċċju.

5. Waqt investigazzjoni esterna l-Uffiċċju jista' jkollu aċċess għal kull informazzjoni rilevanti miżmuma mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji konnessi mal-kwistjoni investigata, fejn ikun strettament neċessarju biex ikun stabbilit li jkunu twettqu frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Artikolu 4(2) u (4) għandu japplika għal dak il-għan.

6. Meta l-Uffiċċju jkollu jittratta, qabel investigazzjoni esterna, informazzjoni li tissuġġerixxi li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Uffiċċju jista' jinforma lis-servizz ta' koperazzjoni kompetenti kontra l-frodi u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri konċernati u, meta jkun f'loku, lis-servizzi konċernati tal-Kummissjoni. Mingħajr ħsara għar-regoli settorjali msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li tittieħed azzjoni xierqa u, fejn ikun meħtieġ, jagħmlu investigazzjonijiet skont id-dritt nazzjonali, li fihom l-Uffiċċju jkun jista' jieħu sehem. L-Istati Membri konċernati għandhom jinfurmaw lill-Uffiċċju dwar l-azzjoni meħuda u dwar x'ikunu sabu abbażi ta' tali informazzjoni."

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Dawn l-investigazzjonijiet interni għandhom jitmexxew taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament u f'deċiżjonijiet adottati minn kull istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija."

(b) Fil-paragrafu 2, it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Uffiċċju jista’ jitlob informazzjoni bil-fomm u bil-miktub mill-membri jew membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji.”

(c) Fil-paragrafu 3, l-ewwel sottoparagrafu huwa mibdul b’dan li ġej:

"3. Skont il-proċeduri stabbiliti bir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju jista' jagħmel spezzjonijiet fuq il-post għand l-operaturi ekonomiċi li jkunu direttament jew indirettament involuti, biex jikseb aċċess għal informazzjoni rilevanti għall-kwistjoni taħt investigazzjoni interna.

(d) Il-Paragrafi 4 sa 6 jinbidlu b’dan li ġej:

"4. L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji għandhom ikunu infurmati kull meta l-Uffiċċju jagħmel investigazzjoni fil-fondi tagħhom jew jikkonsulta dokument jew jitlob informazzjoni miżmuma minnhom. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 8 u 9 ta’ dan ir-Regolament, l-Uffiċċju jista’ f’kull żmien jgħaddi lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati l-informazzjoni miksuba fil-kors ta’ investigazzjonijiet interni.

5. L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji għandhom jistabbilixxu proċeduri adatti u jieħdu miżuri neċessarja biex jiżguraw li l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet.

6. Meta investigazzjonijiet jiżvelaw li membru jew membru tal-persunal jistgħu jkunu soġġetti għal investigazzjoni interna, l-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija ta’ min ikunu għandhom jiġu infurmati.

F’każijiet eċċezzjonali fejn il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni ma tistax tkun żgurata, l-Uffiċċju għandu juża mezzi alternattivi adatti ta’ informazzjoni.

7. Id-deċiżjoni li għandha tkuna adottat minn kull istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kif stipulat f’paragrafu 1, għandha partikolarment tinkludi id-dover min-naħa tal-membri jew membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji, li jikkooperaw b’mod leali ma’ u jipprovdu l-informazzjoni lill-Uffiċċju.

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b’li ġej:

*“Artikolu 5*

**Ftuħ ta’ investigazzjonijiet**

1. L-Uffiċċju jista’ jiftaħ investigazzjoni meta jkunu jeżistu suspetti suffiċjenti li jkunu twettqu atti ta’ frodi jew korruzzjoni jew atti oħra illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Informazzjoni anonima tista’ wkoll tkun ikkunsidrata. Id-deċiżjoni jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le għandha tqis il-prijoritajiet tal-politika ta’ investigazzjoni u l-pjan annwali ta’ ġestjoni tal-Uffiċċju determinat skont l-Artikolu 12(4). Dik id-deċiżjoni għandha

tqis ukoll il-ħtieġa ta' użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Uffiċċju u tal-proporzjonalità fil-mezzi użati.

Fir-rigward ta' investigazzjonijiet interni, għandu jittieħed qies speċifiku tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jagħmluhom, partikolarment abbażi ta': in-natura tal-fatti, l-impatt finanzjarju attwali jew potenzjali tal-każ, u l-perspettiva ta' kull segwitu ġudizzjarju,

2. Id-deċiżjoni jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni jew le għandha tittieħed mid-Direttur Ġenerali.

Id-deċiżjoni biex tinfetaħ investigazzjoni esterna għandha tittieħed mid-Direttur Ġenerali, li jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara talba minn Stat Membru konċernat jew minn waħda mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni.

Id-deċiżjoni biex tinfetaħ investigazzjoni interna għandha tittieħed mid-Direttur Ġenerali, li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew wara talba mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li fihom l-investigazzjoni tkun se titmexxa.

3. Waqt li l-Uffiċċju jkun qed imexxi investigazzjoni interna, l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji kkonċernati ma għandhomx jiftħu investigazzjoni parallela dwar l-istess fatti.

4. Fi żmien xahrejn minn meta l-Uffiċċju jirċievi it-talba kif imsemmi fil-paragrafu 2, trid tittieħed deċiżjoni dwar jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le f'dak iż-żmien. Hija għandha tkun ikkomunikata mingħajr dewmien lill-Istat Membru, istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li jkunu għamlu t-talba. Għandhom jingħataw raġunijiet għal deċiżjoni li ma tinfetaħx investigazzjoni.

Fejn membru jew membru tal-persunal ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, li jaġixxu skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, jipprovdu informazzjoni lill-Uffiċċju relatata ma' frodi suspettata jew ma' irregolarità, l-Uffiċċju għandu jinfurmahom bid-deċiżjoni jekk tinfetaħx investigazzjoni jew le dwar il-fatti inkwistjoni.

5. Jekk l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma jiftaħx investigazzjoni interna, huwa għandu, mingħajr dewmien, jibgħat l-informazzjoni li jkollu lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati biex tittieħed azzjoni xierqa skont ir-regoli li jkunu japplikaw għaliha. F'każijiet fejn huwa xieraq l-Uffiċċju għandu jaqbel ma' dik l-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija dwar miżuri xierqa biex tkun protetta l-kunfidenzjalità tas-sors ta' dik l-informazzjoni u għandu jitlob, jekk ikun meħtieġ, li jkun informat dwar l-azzjoni meħuda."

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafi 1 sa 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Id-Direttur Ġenerali għandu jidderieġi l-mod kif jitmexxew l-investigazzjonijiet. Huwa jista' joħroġ istruzzjonijiet individwali bil-miktub lill-membri tal-persunal tal-Uffiċċju biex imexxu t-twettiq tal-investigazzjonijiet. L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu taħt id-direzzjoni tiegħu minn persunal innominat minnu.

2. Il-membri tal-persunal tal-Uffiċċju għandhom iwettqu l-inkarigi tagħhom wara li jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li turi l-identità u l-kapaċità tagħhom. L-awtorizzazzjoni li tindika s-soġġett u l-iskop tal-investigazzjoni, il-bażi legali biex issir l-investigazzjoni u s-setgħat investigattivi li joħorġu minn dik il-bażi, għandha tinħareġ mid-Direttur Ġenerali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, jagħtu l-għajnuna neċessarja biex il-persunal tal-Uffiċċju jkun jista' jwettaq l-inkarigi tiegħu. L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji għandhom jiżguraw li l-membri u l-membri tal-persunal tagħhom jagħtu l-għajnuna meħtieġa biex il-persunal tal-Uffiċċju jkun jista' jwettaq l-inkarigi tiegħu."

(b) Il-Paragrafu 5 jsir il-Paragrafu 4 u l-Paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej :

"5. Meta investigazzjonijiet juru li jista' jkun xieraq li jittieħdu miżuri amminisstrattivi ta' prekawzjoni biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Uffiċju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernata bl-investigazzjoni li tkun qed issir. L-informazzjoni mogħtija għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-identità ta' kwalunkwe membru jew membru tal-persunal ikkonċernati u ġabra fil-qosor tal-fatti inkwistjoni;

(b) kull informazzjoni li tista' tgħin lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija biex jiddeċiedu jekk ikunx floku li jittieħdu miżuri amministrattivi prekawzjonarji biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(c) kwalunkwe miżuri speċjali ta' kunfidenzjalità rakkomandati f'każijiet partikolari li jinvolvu l-użu ta' miżuri investigattivi li jaqgħu fil-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali jew, fil-każ ta' investigazzjoni esterna, fil-kompetenza ta' awtorità nazzjonali, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għal investigazzjonijiet.

L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe waqt jieħdu miżuri amministrattivi xierqa ta' kawtela, u għandhom jinfurmaw lill-Uffiċċju mingħajr dewmien bid-deċiżjoni biex jittieħdu l-miżuri.

6. Fejn jinstab li investigazzjoni ma tistax tingħalaq fi żmien 12-il xahar wara li tkun infetħet, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-Kumitat ta' Sorveljanza bir-raġunijiet f'intervalli ta' 6 xhur."

(7) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 7*

**Dmir li jkun informat l-Uffiċċju**

"1. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji għandhom jgħaddu lill-Uffiċċju mingħajr dewmien kull informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' każijiet possibbli ta' frodi jew korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji u, sa fejn id-dritt nazzjonali jippermetti, l-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Uffiċċju jew fuq inizjattiva tagħhom stess, jibagħtu kull dokument jew informazzjoni li jkollhom relatati ma' investigazzjoni interna tal-Uffiċċju.

3. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji, u, sa fejn id-dritt nazzjonali jippermetti, l-Istati Membri għandhom ukoll jibagħtu lill-Uffiċċju kull dokument ieħor jew kull informazzjoni li jkollhom u li jidhrilhom li jkunu rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

4. L-uffiċċju, l-istituzzjonijiet, il-korpi, jew l-aġenziji kkonċernati u s-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi jistgħu jaqblu fuq arranġamenti amministrattivi rigward li jgħaddu kwalunkwe informazzjoni lill-Uffiċċju."

(8) L-artikoli li ġejjin 7a u 7b huma inseriti:

*"Artikolu 7a*

**Garanziji proċedurali**

"1. Fl-investigazzjoni tiegħu l-Uffiċċju għandu jara li jkollu provi favur u kontra l-persuna konċernata. L-investigazzjonijiet għandhom jsiru b'mod objettiv u imparzjali u skont il-prinċipji tal-preżunta innoċenza u l-garanziji proċedurali stipulati f'dan l-Artikolu.

2. L-istedina għal intervista, kemm jekk ma' xhud kemm jekk persuna konċernata, għandha tintbagħat b'avviż ta' għaxart ijiem tax-xogħol; il-perjodu ta' notifika jista' jitqassar bil-kunsens espress tal-persuna li għandha tkun intervistata jew għal raġunijiet debitament motivati tal-urġenza tal-investigazzjoni. L-istedina għandha tinkludi lista tad-drittijiet tal-persuna li tkun ser tiġi intervistata. L-Uffiċċju għandu jirreġistra l-intervista u għandu jagħti lill-persuna intervistata aċċess għar-reġistrazzjoni biex hija jew tapprova r-reġistrazzjoni jew iżżid osservazzjonijiet. Kopja tar-reġistrazzjoni tal-intervista għandha tingħata lill-persuna intervistata. Dawn ir-regoli japplikaw għat-teħid ta' dikjarazzjonijiet fil-kuntest ta' spezzjonijiet fuq il-post.

Meta, matul l-intervista, toħroġ xhieda li l-persuna intervistata tkun soġġett tal-investigazzjoni, ir-regoli proċedurali msemmijin fil-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw minnufih.

3. Malli investigazzjoni tiżvela li membru jew membru tal-persunal ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija jistgħu jkunu s-soġġett tagħha, dan il-membru jew membru tal-persunal għandu jkun infurmat, sakemm dan ma jkunx ta' ħsara għat-twettiq tal-investigazzjoni.

4. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 4(6) u 6(5) konklużjonijiet bir-referenza għall-persuna kkonċernata b'isimha ma jistgħux ikunu mfassla ladarba l-investigazzjoni tkun lesta mingħajr ma dik il-persuna kkonċernata tkun ingħatat l-opportunità tikkummenta fuq il-fatti li jikkonċernawha bil-miktub jew waqt intervista mal-persunal magħżul mill-Uffiċċju, u tkun pprovduta bl-informazzjoni rikjesta mill-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament 45/2001. Ir-rapport finali tal-każ għandu jagħmel referenza għal dawk il-kummenti. Il-persuna konċernata għandha tingħata ġabra fil-qosor ta' dawn l-affarijiet fl-istedina biex tikkummenta u għandha tissottometti l-kummenti tagħha fit-terminu ta' żmien indikat mill-Uffiċċju skont il-paragrafu 2. F'intervista, il-persuna konċernata tkun intitolata li tkun megħjuna minn persuna tal-għażla tagħha. Kull persuna konċernata tkun intitolata tuża l-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tagħżel hija; iżda, uffiċjali jew impjegati oħra tal-Unjoni jistgħu jintalbu jużaw lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jkunu jafu sewwa. Persuna konċernata għandha tkun intitolata li ma tinkriminax lilha nfisha.

F'każijiet fejn huwta neċessarju li tkun ppreservata l-konfidenzjalità tal-investigazzjoni u fejn huwa involut l-użu ta' proċedimenti investigattivi li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-awtorità ġudizzjarja nazzjonali, id-Direttur Ġenerali jista' jiddeċiedi li jiddeferixxi t-twettiq tal-obbligi biex jitlob lill-persuna kkonċernata tagħmel l-opinjoni tagħha magħrufa. F'każ ta' investigazzjoni interna, id-Direttur Ġenerali għandu jieħu d-deċiżjoni bi qbil mal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li magħha qiegħda l-persuna kkonċernata. Jekk istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija jonqsu li jirrispondu fi żmien xahar dan jittieħed bħala qbil.

5. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mingħajr ħsara għal:

(a) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(b) Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

(c) L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew;

(d) Ir-Regolamenti tal-Persunal.

*Artikolu 7b*

**Proċedura ta' reviżjoni**

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jistabbilixxi, fl-Uffiċċju, proċedura ta' reviżjoni.

2. Il-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni ma għandhom jieħdu istruzzjonijiet mingħand ħadd fil-qadi ta' dmirijiethom.

Jekk il-persuna fdata bil-proċedura ta' reviżjoni tqis li miżura meħuda mid-Direttur Ġenerali tqiegħed l-indipendenza tiegħu f'dubju, hija għandha tinforma minnufih lill-Kumitat ta' Sorveljanza.

Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun ikkonsultat qabel jinbdew kwalunkwe proċedimenti dixxiplinarji li jikkonċernaw persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Persunal.

3. Membru, membru tal-persunal jew persuna fiżika li jkun soġġett għal investigazzjoni jista' jitlob lill-persuna jew lill-persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni biex jagħtu opinjoni fir-rigward tal-garanziji proċedurali pprovdut għalihom fl-Artikolu 6(4) u fl-Artikolu 7a. It-talba tista' ssir matul l-investigazzjoni jew mhux iktar tard minn xahar wara li l-membru, il-membru tal-persunal jew persuna fiżika kkonċernati jkunu ġew informati li l-investigazzjoni ngħalqet.

Fi żmien xahar wara l-irċevuta tat-talba, il-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni għandhom jikkomunikaw l-opinjoni tagħhom lid-Direttur Ġenerali u għandhom jibagħtu risposta motivata lill-persuna kkonċernata. Id-Direttur Ġenerali għandu jieħu l-miżuri adatti.

4. Is-sottomissjoni ta' rikjesta skont paragrafu 3 ma tissosspendix l-investigazzjoni.

5. Il-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni għandhom jirrapportaw regolarment lill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar l-attivitajiet tagħhom; għandhom jippreżentaw lilu u lill-Kummissjoni rapporti regolari ta' statistika u analiżi dwar kwistjonijiet relatati mal-garanziji proċedurali. Dawn ir-rapporti jistgħu ma jirreferux għal każijiet individwali li jkunu qed jiġu investigati."

(9) Fl-Artikolu 8, il-Paragrafi 2 sa 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. L-informazzjoni mibgħuta jew miksuba matul l-investigazzjonijiet interni, tkun xi tkun il-forma tagħha, għandha tkun soġġetta għas-segretezza professjonali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

3. L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji konċernati għandhom jiżguraw li l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju tkun irrispettata flimkien mad-drittijiet leġittimi tal-persuni konċernati, u, fejn ikunu ġew istitwiti proċedimenti ġudizzjarji, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha applikabbli għal proċedimenti bħal dawn ikunu ġew segwiti.

4. L-Uffiċċju għandu jipproċessa biss dik id-dejta personali li tkun meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament. Tali ppročessar tad-dejta personali għandu jsir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001, inkluż l-għoti tal-informazzjoni relevanti lis-soġġett tad-dejta kif rikjest mill-Artikoli 11 u 12 ta' dak ir-Regolament. Din l-informazzjoni ma għandhiex tkun ikkomunikata lil persuni oħra ħlief lil dawk fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew fl-Istati Membri li minħabba l-funzjonijiet tagħhom jeħtieġu li jkunu jafu, u l-anqas ma tista' tintuża għal skopijiet oħrajn minbarra għall-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni jew kull attività oħra illegali.

L-Uffiċċju għandu jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

5. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għandu jiżgura li kwalunkwe informazzjoni pubblika tingħata b'mod newtrali, imparzjali u skont il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 7a."

(10) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Malli titlesta investigazzjoni mill-Uffiċċju, għandu jsir rapport, taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali, li għandu jsemmi l-bażi legali tal-investigazzjoni, l-istadji proċedurali segwiti, il-fatti stabbiliti u l-kwalifiki legali tagħhom, ir-rispett għall-garanziji proċedurali skont l-Artikolu 7a, l-impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jekk ikun hemm, u l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni, inklużi rakkomandazzjonijiet dwar azzjoni ta' segwitu li għandha tittieħed."

(b) Il-Paragrafi 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"3. Rapporti magħmula wara investigazzjoni esterna u kull dokument relatat li jkun utli għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri inkwistjoni skont ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' investigazzjonijiet esterni u lill-Kummissjoni. Fuq talba tal-Uffiċċju, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom fiż-żmein dovut jibagħtu lill-Uffiċċju informazzjoni dwar azzjoni meħuda u progress li jkun sar wara li l-Uffiċċju jkun bagħat ir-rapporti ta' investigazzjoni.

4. Rapporti mħejjija wara investigazzjoni interna u kull dokument relatat li jkun utli għandhom jintbagħtu lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernata. L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija għandhom jieħdu tali azzjoni, partikolarment dixxiplinarja jew legali, fuq il-bażi tal-investigazzjonijiet interni, li jirrikjedu r-riżultati ta' dawk l-

investigazzjonijiet, u għandhom jirraportaw dwarha lill-Uffiċċju sal-iskadenza minnu stipulata fir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tiegħu.

5. Fejn rapport miktub wara investigazzjoni interna jikxef l-eżistenza ta' fatti li jistgħu jwasslu għal proċedimenti kriminali, din l-informazjjoni għandha tintbagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm mhumiex disponibbli miżuri interni li jippermettu segwitu iktar adattat, fid-dawl tan-natura tal-fatti u l-iskala tal-impatt finanzjarju.

6. Mingħajr ħsara għat-tieni sentenza tal-pargrafu 4, jekk wara t-tlestija ta' investigazzjoni, ma nstabet l-ebda evidenza kontra membru jew membru tal-persunal ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija jew kontra persuna fiżika jew ġuridika, l-investigazzjoni dwar dik il-persuna tingħalaq mid-Direttur Ġenerali, li fi żmien għaxart ijiem lavorattivi, għandu jinforma lill-persuna kkonċernata."

7. Persuna li pprovdiet lill-Uffiċċju informazzjoni relatata ma' frodi jew irregolarità suspettata tista', jekk titlob dan, tkun informata mill-Uffiċċju li investigazzjoni tkun ingħalqet u, skont il-każ, ikun intbagħat rapport finali lill-awtoritajiet kompetenti. L-Uffiċċju jista', iżda, jiċħad it-talba meta jqis li tkun tali li tippreġudika l-interessi leġittimi tal-persuna konċernata, l-effikaċja tal-investigazzjoni u l-azzjoni li jkollha tittieħed warajha jew kull rekwiżit ta' kunfidenzjalità."

(11) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 10*

**Skambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet tal-Istati Membri**

1. Mingħajr ħsara għal Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju jista' fi kwalunkwe ħin jibgħat fiż-żmien dovut lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati l-informazzjoni miksuba waqt investigazzjonijiet esterni biex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni xierqa.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 8 u 9, id-Direttur Ġenerali għandu, matul l-investigazzjonijiet interni, jibgħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat informazzjoni miksuba mill-Uffiċċju dwar fatti li jitolbu l-użu ta' proċedimenti investigattivi fil-ġuriżdizzjoni ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali.

Madanakollu, huwa għandu l-ewwel jinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati. L-informazzjoni mibgħuta għandha tinkludi l-identità tal-persuna kkonċernata, sommarju tal-fatti stabbiliti, evalwazzjoni legali preliminari u stima ta' kwalunkwe impatt finanzjarju.

L-Artikolu 7a (4) għandu japplika.

3. L-awtoritajiet kompetenti, u partikolarment l-awtoritajiet ġudizzjarji, tal-Istat Membru konċernat għandhom, sakemm ma jkunx inkompatibbli mad-dritt nazzjonali, jinfurmaw lill-Uffiċċju mingħajr dewmien, jew fuq talba tiegħu, dwar l-azzjoni meħuda abbażi tal-informazzjoni mibgħuta lilhom skont dan l-Artikolu.

4. L-Uffiċċju jista' jipprovdi xhieda fi proċedimenti quddiem qrati nazzjonali b'konformità mad-dritt nazzjonali u r-Regolamenti tal-Persunal."

(12) L-Artikolu 10a li ġej huwa inserit:

*"Artikolu 10a*

**Koperazzjoni tal-Uffiċċju mal-Eurojust, il-Europol u ma' organizzazzjonijet internazzjonali**

1. L-Uffiċċju għandu jikkollabora, kif jixraq, mal-Eurojust, mal-Europol u ma' organizzazzjonijet internazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Fejn dan jista' jappoġġa u jsaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, jew meta l-Uffiċċju jkun bagħat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri informazzjoni li biha jipprovdi l-bażi għas-suspett dwar l-eżistenza ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra imsemmija fl-Artikolu 1 fil-forma ta' kriminalità serja, huwa għandu jibgħat l-informazzjoni relevanti lill-Eurojust

2. L-Uffiċċju jista' jaqbel fuq arranġamenti amministrattivi neċessarji mal-Eurojust u mal-Europol biex jiffaċilita din il-koperazzjoni. Tali arranġamenti ta' ħidma jistgħu jikkonċernaw skambju ta' informazzjoni operazzjonali, strateġika jew teknika, inkluż dejta personali u informazzjoni kklassifikata.

3. L-Uffiċċju jista' jaqbel ukoll, kif jixraq, dwar arranġamenti amministrattivi ma' servizzi kompetenti f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijet internazzjonali. L-Uffiċċju għandu jikkoordina mas-servizzi tal-Kummissjoni kkonċernati u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna."

(13) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafi 1 sa 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jsaħħaħ l-indipendenza tal-Uffiċċju b'monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-funzjoni investigattiva.

Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu partikolarment:

(a) jimmonitorja l-funzjonament tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċju u aġenziji;

(b) jimmonitorja żviluppi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali u tad-durata tal-investigazzjonijiet fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali u tal-opinjonijiet u r-rapporti ta' analiżi magħmulin regolarment mill-persuna/i fdata/i bil-proċedura ta' reviżjoni.

Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jindirizza l-opinjonijiet lid-Direttur Ġenerali. Dawn l-opinjonijiet jistgħu jingħataw fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Huma għandhm ukoll jingħataw fuq talba tad-Direttur Ġenerali jew fuq talba ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, madanakollu mingħajr ma jinterferixxu mat-twettiq tal-investigazzjonijiet li jkunu għaddejja.

L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji għandhom ikunu pprovduti b'kopja ta' opinjonijiet bħal dawn.

Il-Kumitat ta' Sorveljanza jista' jitlob lill-Uffiċċju għal informazzjoni addizzjonali dwar investigazzjonijiet f'sitwazzjonijiet ġustifikati kif imiss, mingħajr, iżda, ma jindaħal fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet.

2. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun kompost minn ħames membri indipendenti li għandhom esperjenza f'funzjoni ġudizzjarja jew investigattiva għolja jew funzjoni komparabbli li għandhom x'jaqsmu mal-qasam ta' attività tal-Uffiċċju. Għandhom jinħatru bi qbil komuni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, abbażi ta' lista' ta' għażla minn qabel mibgħuta mill-Kummissjoni.

3. Il-mandat tal-membri għandu jkun ta' ħames snin u ma jiġġeddidx. Kull 30 xahar għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali. Tliet u żewġ membri għandhom ikunu sostitwiti b'alternanza.

4. Meta jiskadi l-mandat tagħhom, il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jinbidlu."

(b) Il-Paragrafi 6 sa 8 jinbidlu b'dan li ġej:

"6. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jaħtar il-president tiegħu. Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, li, qabel ma jkunu adottati, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bħala informazzjoni. Laqgħat tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jissejħu fuq inizjattiva tal-president tiegħu jew tad-Direttur Ġenerali. Għandu jiltaqa' mill-anqas għal 10 laqgħat fis-sena. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Is-segretarjat tiegħu għandu jkun ipprovdut mill-Uffiċċju.

7. Id-Direttur Ġenerali għandu kull sena jibgħat il-pjan annwali ta' ġestjoni tal-Uffiċċju lill-Kumitat ta' Sorveljanza. Huwa għandu jżomm lill-Kumitat ta' Sorveljanza informat

perjodikament dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju, l-implimentazzjoni tal-funzjoni investigattiva tiegħu u l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal investigazzjonijiet.

Id-Direttur Ġenerali għandu jinforma lill-Kumitat ta' Sorveljanza perjodikament:

(a) dwar każijiet li fihom l-istituzzjoni, korp, aġenzija jew uffiċċju konċernati jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu naqsu milli jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-Uffiċċju;

(b) dwar każijiet fejn l-informazzjoni għaddiet għand l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri u dwar Każijiet fejn huwa ddeċieda li ma jibgħatx informazzjoni dwar investigazzjonijiet interni lill-awtoritajiet ġuddizzjarji nazzjonali kkonċernati skont l-Artikolu 9(5)

(c) dwar id-durata tal-investigazzjonijiet skont l-Artikolu 6(6).

8. Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jadotta mill-inqas rapport wieħed dwar l-attivitajiet tiegħu kull sena, li jkun ikopri partikolarment l-evalwazzjoni tal-indipendenza tal-Uffiċċju, l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali u d-durata ta' investigazzjonijiet. Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

Il-Kumitat jista' jippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri dwar ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju u l-azzjoni meħuda fuqhom."

(14) L-Artikolu 11a li ġej huwa inserit:

*"Artikolu 11a*

**Skambju ta' fehmiet mal-istituzzjonijiet**

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiltaqgħu perjodikament jew fuq talba ta' waħda minn dawn l-istituzzjonijiet, l-Uffiċċju jew il-Kumitat ta' Sorveljanza għal skambju ta' fehmiet f'livell politiku biex jiddiskutu l-politika ta' investigazzjonijiet tal-Uffiċċju. Id-Direttur Ġenerali u l-president tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom jipparteċipaw fl-iskambju ta' fehmiet. Membri tal-Europol, il-Eurojust u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jkunu mistednin biex jattendu fuq bażi *ad hoc* fuq talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-Uffiċċju jew il-Kumitat ta' Sorveljanza.

2. 2. L-iskambju ta' fehmiet għandu jkun relatat ma':

(a) il-prijoritajiet strateġiċi għall-politiki investigattivi tal-Uffiċċju;

(b) ir-rapporti ta' attività u l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Sorveljanza pprovduti mill-Artikolu 11(1);

(c) ir-rapporti skont l-Artikolu 12(3) Sottoparagrafu 2 tad-Direttur Ġenerali;

(d) ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji;

(e) ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(f) l-effikaċja tax-xogħol tal-Uffiċċju fir-rigward ta' investigazzjonijiet u dik tal-Kumitat ta' Sorveljanza.

3. L-iskambju ta' fehmiet ma għandux jindaħal fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet.

4. l-Uffiċċju għandu jieħu azzjoni xierqa fil-kunsiderazzjoni tal-opinjonijiet espressi fl-iskambju ta' fehimiet u għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda fir-rapporti li saret referenza għalihom fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 12(3)."

(15) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 12*

**Direttur Ġenerali**

1. L-Uffiċċju għandu jkun immexxi minn Direttur Ġenerali. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun maħtur mill-Kummissjoni, skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 2. Il-mandat tad-Direttur Ġenerali għandu jkun ta' seba' snin u ma jiġġeddidx.

2. Biex taħtar Direttur Ġenerali ġdid, il-Kummissjoni għandha tippubblika sejħa għal applikazzjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din il-pubblikazzjoni għandha ssir mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-mandat tad-Direttur Ġenerali fil-kariga. Wara li tkun għamlet proċedura ta' għażla, il-Kummissjoni għandha tagħmel lista ta' kandidati kwalifikati, debitament tikkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u kif ukoll il-Kumitat ta' Sorveljanza abbażi ta' din il-lista u tadotta d-deċiżjoni tagħha.

3. Id-Direttur Ġenerali ma għandu la jfittex u lanqas jieħu istruzzjonijiet mingħand xi gvern jew xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija fil-qadi ta' dmirijietu fir-rigward tal-ftuħ u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet esterni u interni jew fl-abbozzar ta' rapporti wara investigazzjonijiet bħal dawk. Jekk id-Direttur iqis li miżura meħuda mill-Kummissjoni titfa' dubju fuq l-indipendenza tiegħu, huwa għandu jinforma minnufih lill-Kumitat ta' Sorveljanza biex jikseb l-opinjoni tiegħu, u jiddeċiedi jekk iressaqx azzjoni kontra l-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Id-Direttur Ġenerali għandu jirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar is-sejbiet ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju, l-azzjoni meħuda u l-problemi li kien hemm, waqt li jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, id-drittijiet leġittimi tal-persuni konċernati u, fejn ikun xieraq, id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għal proċedimenti ġudizzjarji.

4. Id-Direttur Ġenerali għadu kull sena jiddetermina, fil-kuntest tal-pjan annwali ta' ġestjoni, il-prijoritajiet tal-politika ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju.

5. Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju jista' jiddelega l-eżerċizzju ta' ċerti funzjonijiet tiegħu skont l-Artikoli 5 u 6(1) lil membru wieħed jew aktar tal-persunal tal-Uffiċċju b'dokument bil-miktub li jispeċifika l-kondizzjonijiet u l-limiti li jirregolaw id-delega.

6. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun assistit minn korp intern li huwa għandu jikkonsulta dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni, qabel l-egħluq ta' investigazzjoni u kull meta jħoss li huwa xieraq.

7. Id-Direttur Ġenerali għandu jadotta manwal ta' proċeduri, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Sorveljanza, l-uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Uffiċċju u mal-persuna jew persuni fdati bil-proċedura ta' reviżjoni f'konformità mal-Artikolu 7b. Dan il-manwal għandu jipprovdi linji gwida dwar l-applikazzjoni prattika tal-investigazzjonijiet amministrattivi mill-Uffiċċju.

8. Qabel ma timponi kwalunkwe penali dixxiplinari kontra d-Direttur Ġenerali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kumitat ta' Sorveljanza.

Sanzjonijiet dixxiplinarji kontra d-Direttur Ġenerali għandhom ikunu s-soġġett ta' deċiżjonijiet motivati, li għandhom jintbagħtu għall-informazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kumitat ta' Sorveljanza.

9. Kwalunkwe referenza għad-"Direttur" tal-Uffiċċju fir-Regolamenti tal-Persunal, fir-Regolament Finanzjarju[19] u fi kwalunkwe test legali ieħor għandha tinqara bħala arefernza għad-Direttur Ġenerali."

(16) L-Artikolu 12a li ġej huwa inserit:

*"Artikolu 12a*

**Aġent(i) Direttur(i)**

Ir-Regoli tal-Kummissjoni dwar l-aġenti għandhom japplikaw.

B'deroga, id-Direttur Ġenerali, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Sorveljanza jista' jagħżel Direttur jew tnejn minn tiegħu bħala aġenti Direttur(i). Jekk l-ebda mill-aġenti Diretturi ma jkun disponibbli, ir-regoli tal-Kummissjoni dwar l-aġenti għandha terġa' tapplika."

(17) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'li ġej:

[19] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1-48

*"Artikolu 13*

**Finanzjament**

L-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju, li l-ammont totali tagħhom għandu jiddaħħal taħt intestatura speċifika tal-baġit fis-sezzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni relatata mal-Kummissjoni, għandhom ikunu stabbiliti fid-dettall f'Anness għal dik is-sezzjoni.

It-tabella tal-persunal tal-Uffiċċju għandha tkun mehmuża mat-tabella tal-persunal tal-Kummissjoni."

(18) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 14*

**Rapport ta' evalwazzjoni**

Mhux iktar tard mill-[*id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament + 4 snin*], il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' opinjoni mill-Kumitat ta' Sorveljanza. Ir-rapport għandu jgħid jekk ikunx hemm ħtieġa li dan ir-Regolament ikun emendat."

(19) L-Artikolu 15 huwa mħassar.

Artikolu 2

Ir-Regolament (Euratom) Nru 1074/1999 huwa mħassar.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 kif emendat b'dan ir-Regolament għandu japplika għad-durata tal-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza inkariga meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Immedjatament wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jagħżel bil-polza żewġ membri li d-doveri tagħhom għandhom jintemmu mal-iskadenza tal-ewwel 30 xahar tal-mandat tagħhom, b'deroga mill-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 kif emendat b'dan ir-Regolament.

3. It-tielet sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 kif emendat b'dan ir-Regolament għandha tapplika għall-mandat tad-Direttur Ġenerali inkariga meta dan-ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

4. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

[…]

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI**

[biex tintuża għal kull proposta jew inizjattiva mibgħuta lill-awtorità leġiżlattiva

(Artikoli 28 tar-Regolament Finanzjarju u 22 tar-regoli implimentattivi)]

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva: Proposta emendata biex temendaemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li tħassar ir-Regolament (EURATOM) Nru 1074/1999

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB: Kontra l-frodi

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva: leġiżlattiva

1.4. Objettiv(i): Iż-żieda tal-effiċjenza u l-governanza ġenerali tal-OLAF

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva: L-Artikolu 325 TFUE, l-Artikolu 106a EURATOM

1.6. Durata u impatt finanzjarju: N/A

1.7. Metodu/i ta' mmaniġġjar prospettat(i): Ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni

## 2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar: Ara l-Artikolu 14 tal-Proposta Emendata

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll: N/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet: Fi ħdan it-tifsira ta' dan ir-Regolament

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i 24.010600.03.01.00 Nefqa mġarrba għall-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa:* L-ebda impatt

*3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*: L-ebda impatt

*3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva: L-ebda impatt*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali: L-ebda impatt*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' terzi fil-finanzjament: L-ebda impatt*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul: L-ebda impatt

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta emendata biex temenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li tħassar ir-Regolament (EURATOM) Nru 1074/1999 |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[20]

| |
|---|
| 24.01. Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika Ġlieda kontra l-frodi<br><br>24.02. Kontra l-frodi |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[21]

☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma**l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' azzjoni indirizzata mill-ġdid għal azzjoni ġdida

### 1.4. Objettivi

#### *1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-Ġlieda kontra l-Frodi |

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet konċernata/i ABM/ABB*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku Nru 7.1a<br><br><u>Attività/attivitajiet konċernata/i ABM/ABB</u><br><br>24.01. Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika Ġlieda kontra l-frodi<br><br>24.02. Kontra l-frodi |

---

20 ABM: Activity-Based Management [Immaniġġjar Abbażi ta' Attività] – ABB: Activity-Based Budgeting [Ibbaġittjar Abbażi ta' Attività].

21 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni/mistennija*

*Ispeċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.*

| |
|---|
| Koperazzjoni mtejba tal-OLAF mal-partijiet involuti fil-livelli kollha: fuq il-livell tal-UE mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali |

*1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatt*

*Ispeċifika l-indikaturi għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-proposta/inizjattiva.*

| |
|---|
| Skont l-Artikolu 14 |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżiti li għandhom jitħarsu għal żmien qasir u fit-tul*

| |
|---|
| Responsabbilità sħiħa tal-Olaf f'kondizzjonijiet li jirrispettaw il-garanziji fundamentali, kif ukoll l-indipendenza tiegħu. |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| L-Artikolu 325 tat-TFUE jipprovdi għal azzjoni konġunta tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-ġlieda kontra l-frodi. Dak l-Artikolu b'hekk jattribwixxi responsabilitajiet speċifiċi lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. |

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

| |
|---|
| - |

*1.5.4. Koerenza u possibbilment sinerġija ma' strumenti oħra rilevanti*

| |
|---|
| Il-proposta emendata hija kumpatibbli mal-istrumenti leġiżlattivi relevanti tal-Unjoni Ewropea. |

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'seħħ minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY

– ☐ Impatt finanzjarju minn YYYY sa YYYY

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn YYYY sa YYYY,

– Segwita b'operazzjoni sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' mmaniġġjar ipprospettat(i)[22]

☒ **Ġestjoni ċentralizzata** diretta mill-Kummissjoni

☐ **Immaniġġjar indirett ċentralizzat** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[23]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni diċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijet internazzjonali (***li għandhom ikunu speċifikati***)

*Jekk ikun indikat aktar minn mod ta' mmaniġġjar wieħed, jekk jogħġbok agħti dettalji fis-sezzjoni "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| […]<br><br>[…] |

[22] Dettalji ta' modi ta' maniġment u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[23] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA’ MMANIĠĠJAR

### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u rapportar

*Ispeċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.*

| |
|---|
| Il-Kumitat ta’ Sorveljanza se jimmonitorja l-attivitajiet investigattivi tal-Olaf skont l-Artikolu 11.<br><br>Addizzjonalment għall-obbligi li mhumiex affettwati bil-proposta emendata, il-persuni fdati bil-proċedura ta’ Reviżjoni ser jirraportaw regolarment dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat ta’ Sorveljanza (l-Artikolu 7b) |

### 2.2. Sistema ta’ mmaniġġjar u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

| |
|---|
| N/A |

*2.2.2. Metodu/i ta’ kontroll prospettat(i)*

| |
|---|
| N/A |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

*Ispeċifika miżuri ta’ prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew prospettati.*

| |
|---|
| L-Implimentazzjoni skont ir-Regolament Finanzjarju<br><br>[…] |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta’ nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit ta’ nefqa eżistenti

Skont intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja tal-baġit | Tip ta’ nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni……………………..……….] | DA/NDA (24) | Minn pajjiżi tal-EFTA[25] | minn pajjiżi kandidati[26] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 24.0106 | 24.010600.030100<br>Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta’ Sorveljanza | NDA | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja tal-baġit | Tip ta’ nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………………………………..] | Differenzjata/mhux differenzjata | Minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| […] | [XX.YY.YY.YY]<br>[…] | […] | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

24 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
25 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
26 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | Numru | [Intestatura ……………..…………………………………………………………….] |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena N[27] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2) | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[28] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet** għal DĠ <…….> | Impenji | =1+1a +3 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | | | | | | | | |

---

27 Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

28 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk aktar minn intestatura waħda tkun affettwata mill-proposta / inizjattiva:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **5** | " Nefqa amministrattiva " |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: OLAF | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0,972 | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,200 | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ** OLAF | Approprjazzjonijiet | 1.172 | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total impenji = Ħlasijiet totali) | 1,172 | | | | | | | |

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena **N**[29] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 1,172 | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | 0.200 | | | | | | | |

[29] Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma jenħtiġilhiex l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta'out[30]put | Spiża medja tal-ouput | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Numru ta' outputs | Spiża | Għadd totali ta' outputs | Total Spiża |
| Objettiv speċifiku Nru 1[31]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Objettiv speċifiku Nru 2… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

30 Outputs huma prodotti u servizzi li għandhom ikunu pprovduti (eż: numru ta' skambji ffinanzjati ta' studenti, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

31 Kif deskritt fis-Sezzjoni 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

### *3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma jenħtiġilhiex l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **N**[32] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,972 | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,200 | | | | | | | |
| **Total parzjali tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 1,172 | | | | | | | |
| **'Il barra mill-INTESTATURA 5[33] of the multiannual financial framework** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Total parzjali 'il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **1,172** | | | | | | | |

32 Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

33 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti proġettati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma jenħtiġilhiex l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tkun espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)*

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena N+2 | Sena N+3 | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Tabella ta' karigi tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni) | | 8 | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'Unità ekwivalenti għall-Full-Time: UEP)[34]** | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u ENS fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 04 yy[35] | - fil-Kwartieri Ġenerali[36] | | | | | | | |
| | - f'delegazzjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 05 02 (AK, INT, ENS - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, INT, ENS - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji oħra tal-baġit (ispeċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **8** | | | | | | |

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat .

34 AK= Aġent ta' Kuntratt; INT= persunal ta' aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet); AL= Aġent Locali; ENS= Espert Nazzjonmali Sekondat;

35 Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (qabel kienu intestaturi "BA").

36 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Ir-riżorsi umani meħtieġa jagħmel tajjeb għalihom il-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-immaniġġar tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokoazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni ta' inkarigi li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Appoġġ amministrattiv għall-Membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza |
| Persunal estern | |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega xi programmar mill-ġdid ikun meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiġilha applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[37].

| |
|---|
| Spjega x'ikun meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi*

– ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn terzi

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ispeċifika l-korp* kofinanzier | | | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[37] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

 – ☐ fuq riżorsi proprji

 – ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| Intestatura ta' dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju kurrenti tal-baġit | Impatt tal-proposta/l-inizjattiva[38] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal daqs kemm ikunu meħtieġa kolonni biex ikun rifless id-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat mixxellanju, ispeċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

| |
|---|
| […] |

Ispeċifika l-metodu għall-kalkulazzjoni tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| […] |

38 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25% għal spejjeż ta' ġbir.